

# Storja tinkiteb!

*Aurele Gafà*

Ir-ritratti sepja bħal magna tal-ħin joħduna lura fil-passat. Huma bosta dawk li jintilfu fis-sbuħija tagħhom u jixtiequ jmorru lura għaż-żmien li fih ittieħdu. Donnu jaħsbu li żmien ilu l-ħajja reali kienet sepja u mhux ikkulurita kif fil-fatt hi. Fi żmien meta l-fotografija kienet rari, dawn kienu jittieħdu biss f'okkażjonijiet speċjali jew lill-persuni importanti, għaldaqstant dawn ir-ritratti ħafna drabi juruna s-sabiħ biss. Mhux l-istess hija l-kitba. Fir-reġistri tal-okkorrenzi tal-pulizija, merfugħa fl-Arkivju Nazzjonali, nsibu sensiela sħiħa ta' rapporti li jitfgħu dawl fuq il-ħajja soċjali f'Malta ta' aktar minn mitt sena ilu. Dawn jixhdu li l-ħajja ta' dak iż-żmien xejn ma kienet ward u żahar bħalma jagħtu l-impressjoni r-ritratti sepja li ttieħdu fl-istess perjodu, anzi juruna li spiss kien ikun hemm min jagħmel xi storja tinkiteb!

L-okkorenzi li ġraw f'Ħal Tarxien huma miġbura fl-istess kotba ma' dawk ta' Ħal Qormi, Ħal Luqa u Raħal Ġdid li flimkien kienu jiffurmaw il-ħames distrett. L-eqdem reġistri ta' dan id-distrett imorru lura għat-30 ta' Mejju tal-1864, b'hekk jagħtuna stampa ċara tal-ħajja Maltija fit-tieni nofs tas-seklu 19. B'mod ġenerali wieħed jista' jgħid li f'raħalna ftit ġew irrapurtati reati meta mqabbel ma' rħula akbar bħal Ħal Qormi. Barra minn hekk il-maġġoranza tar-reati jew illegalitajiet huma żgħar bħal: l-użu ta' armi tan-nar għall-kaċċa bla liċenzja, ir-rimi ta' ilma maħmuġ barra, bejjiegħa li jbabsu fil-miżien, dagħa fil-pubbliku, karrettuni li jitħallew abbandunati, is-serq ta' oġġetti varji u ġlied. Ma' jistax jonqos li l-gravità ta' kull reat tvarja minn każ għall-ieħor u minn persuna għall-oħra. Xi persuni jissemmew spiss f'dawn ir-reġistri għax ikunu wettqu ħafna reati jew għax spiss issibhom jirrapurtaw lil ħaddieħor. B'hekk, dawn l-okkorrenzi jagħtuna idea tal-karattru ta' xi Tarxiniżi li ġew qabilna. Barra minn hekk jagħtuna ħjiel tal-familji li kienu jiffurmaw raħalna dak iż-żmien, hekk kif kważi kull persuna hi msemmija bil-laqam tagħha. Bosta minn dawn il-laqmijiet intilfu għal kollox iżda fadal uħud li għadna nisimgħuhom sal-lum.

Meta nħarsu lejn il-perjodu tat-tieni nofs tas-seklu 19, naraw li l-ħajja f'Malta kienet laħqet ċertu stabbiltà. F'dan il-perjodu L-Ingliżi kienu stabilixxew ruħhom sew u l-ewwel gwerra dinija kienet għadha 'l bogħod. Fost il-poplu beda jinħass sens ta' qawmien ġdid, hekk insibu li ġew iffurmati l-ewwel partiti politiċi, twaqqfu fratellanzi ġodda li welldu l-festi 'sekondarji' u nibtu l-każini tal-baned. B'hekk għall-fini ta' dan l-artiklu se niffoka fuq il-każi relatati mal-wirt kulturali u reliġjuż ta' raħalna li seħħew bejn l-1864 u l-1877, il-perjodu li fih twaqqfet il-Fratellanza tal-Madonna tad-Duttrina u saret il-vara. Il-maġġoranza tal-każi jinvolvu membri tal-kleru u persuni li kienu midħla tal-postijiet li jiffurmaw dan il-wirt. Minħabba dan, spiss niltaqgħu ma' isem il-Kappillan Dun Pawl Lauron li mexxa l-parroċċa tagħna mill-1864 sal-1875[1].



*Il-kappillan Dun Pawl Lauron, fundatur tal-Fratellanza tal-Madonna tad-Duttrina*

## Is-serq – problema serja

L-ewwel każ irrapurtat ta' din ix-xorta huwa serqa li seħħet fid-19 ta' Jannar tal-1867[2]. Dakinhar, xi ħadd mhux magħruf fetaħ bi vjolenza l-kaxxa tal-ħadid imqiegħda taħt in-niċċa tal-Lunzjata li tinsab fit-triq li tagħti għal Ħal Għaxaq. Inzerta li kien wasal iż-żmien biex jinġabru l-flus ta' ġo fiha, b'hekk ħadd ma kien jaf eżatt l-ammont misruq. Iżda, biex ikunu jafu dan l-ammont bejn wieħed u ieħor, saqsew lil ċertu Ġużeppi Mangion li kien jieħu ħsieb jiġbor il-flus mill-kaxxa u jixgħel il-fanal ta' quddiem in-niċċa. Hu qal li f'xahar kien isib sitt soldi waqt li f'sena kien isib xelin u disa' soldi. Sfortunatament, rapport simili sar l-għada, 20 ta' Jannar[3] minn Gio Batta Zammit, li kien jieħu ħsieb jixgħel il-fanal taċ-ċimiterju. Zammit stqarr mal-pulizija li sab il-kaxxa tal-ġbir taċ-ċimiterju miftuħa bi vjolenza u minnha nsterqu madwar 41/3. Is-Sindku[5] kellu jieħu ħsieb jagħmel ir-rapport waqt

***ikompli f'paġna 62***



li l-Maġistrat kellu jagħmel l-aċċess. Parti mix-xogħol tal-pulizija dejjem kien li tipprevjeni milli jinqalgħu l-inċidenti. Hekk, xi drabi f'dawn ir-reġistri minbarra l-okkorrenzi nsibu miktuba xi noti oħra dwar is-servizzi tal-pulizija. Għalkemm dawn in-noti mhumiex ta' importanza kbira, xi drabi huma



In-niċċa tal-Lunzjata f'Tal-Barrani

interessanti. L-ewwel nota toħodna lura għall 25 ta'Marzu tal-1867[6] u tgħid li l-pulizija kienu xogħol f'Ħal Tarxien mill-11am sas-7pm minħabba ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ta' Marija Annunzjata. Nota simili nkitbet fis-27 t'April[7] tal-istess sena. Dakinhar il-pulizija kellhom servizz twil mis-6am sas-7pm f'Ħal Tarxien u Raħal Ġdid biex żammew l-ordni waqt il-purċissjoni ta' San Girgor. Jumejn wara San Girgor, jiġifieri fid-29 t'April[8], insibu miktub l-ewwel minn żewġ rapporti li fihom kien involut Dun Gio Batta Borg li kien joqgħod fi numru 11[9] Triq Birbixkilla. L-ewwel rapport għamlu l-qassis għaliex il-ġurnata ta' qabel għall-ħabta tal-5pm persuni mhux magħrufa daħlulu f'daru u serqulu 3 muniti Sqallin b'valur ta' 30 tari kull waħda. Hu ma kellux suspetti dwar min seta' serqu. Mill-banda l-oħra, it-tieni rapport sar mill-pulizija fl-20 ta' Lulju 1867[10] lil Dun Gio Batta Borg għax fi sqaq numru 2 fi Triq Birbixkilla ħalla ġebel u materjal ieħor barra bla permess u fuqu m'għamilx dawl għal bil-lejl. Xahar eżatt wara[11], daħal l-ewwel rapport li fih tissemma l-knisja parrokjali ta' Ħal Tarxien. Dan ir-rapport sar għaliex fid-dar ta' Fortunatu Sevasta, il-kuntistabbli Salvu Buhagiar sab żewġ siġġijiet li erba' xhur qabel kienu tħallew il-knisja minn Katerina Scicluna u ħadd ma kien jaf x'sar minnhom. Kienet l-istess Katerina rnexxielha tagħraf is-siġġijiet tagħha u riedet sodisfazzjon għal dak li ġara.

## Demm ibaqbaq

Fid-9 ta' Diċembru tal-1868[12] ġie rrapurtat każ ieħor relatat mal-knisja parrokkjali. Ir-rapport jgħid li l-ġurnata ta' qabel għall-ħabta tal-5pm ċertu Ġużeppi Galea ta' madwar 15–il sena minn Ħal Tarxien, daħal fil-knisja Parrokkjali u waddab injama li biha laqat lil Amero Borg, ta' erbatax-il sena, ġo nofs moħħu. F'dak il-ħin, Borg kien qiegħed jitgħallem id-Duttrina fil-knisja u kellu joħroġ biex ġie mmedikat mit-tabib Dr Lanzon. Ma setax jonqos li missier Amero mar l-għassa jitlob sodisfazzjon għal dak li ġara lil ibnu. Dan il-każ huwa interessanti għax jagħtina idea tal-ħin li fih kien isir it-tagħlim tad-Duttrina, li sa dak iż-żmien kien għadu fir-responsabbiltà tal-Kongregazzjoni tal-Madonna tad-Duttrina għax il-Fratellanza kienet għadha ma twaqqfitx. Barra minn hekk, jurina li t-tfal kienu jibqgħu jattendu għad-Duttrina anke meta kienu jkunu kibru sew.

Ix-xogħol tal-pulizija qatt ma kien wieħed faċli, l-aktar meta ssib persuni b'karattru diffiċli. Skoll bħal dan jidher li nstab fil-11 ta' April tal-1869[13], meta l-pulizija kellha tintervjeni għax Carmelo Agius, sid ta' ħanut f'Ħal Tarxien beda jidgħi waqt il-purċissjoni tal-festa tal-Lunzjata. Kif jgħid ir-rapport, il-pulizija kellhom jieqfu mid-dmirijiet uffiċjali tagħhom biex jikkalmaw is-sitwazzjoni. Madankollu, lil Carmelo Agius jidher li ma tantx ikkalmawh għax insibu bosta rapporti oħra ta' reati li wettaq.

## Inkwiet għall-Kappillan Lauron

Is-serq huwa fost l-aktar reati komuni. Dan tistennih għax ħafna nies kienu foqra u kellhom bżonn jisirqu. Iżda, s-serq mill-knejjes dejjem kien jitqies bħala offiża iżjed gravi, speċjalment f'soċjetà ddominata mir-reliġjon. Però, ma jfissirx li dan it-tip ta' serq kien rari. Fil-fatt f'nota li ġġib id-data tal-5 ta' Diċembru tal-1869[14] insibu li l-pulizija, wara li rat l-aħħar serqiet bi vjolenza li saru mill-knejjes filjali u rurali, riedet tavża lill-persuni inkarigati minn dawn il-knejjes biex ma jħallux fihom oġġetti ta' valur li



Il-Purċissjoni ta' San Girgor għaddejja minn Triq il-Kbira. Ritratt bil-kortesija tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp





L-istatwa tal-Ecce Homo li kienet tinsab fin-niċċa li nsterqu l-flus minnha

jistgħu jinstigaw is-serq. Minkejja kull sforz tal-pulizija biex titrażżan din il-problema, is-serq mill-knejjes xorta baqa' komuni ħafna. Proprju, fl-1 ta' Ġunju tal-1872[15] il-Kappillan Lauron għamel rapport lill-pulizija dwar serqa ta' din ix-xorta li seħħet fil-knisja parrokkjali. Fir-rapport tiegħu, Lauron qal li persuni mhux magħrufa serqu l-flus, li kienu waslu biex jinġabru, mill-kaxxa ta' quddiem l-Ecce Homo billi qalgħu ż-żewġ viti li kienu jżommuha.

Lejn tmiem is-sena 1873, lill-Kappillan Lauron insibuh jgħamel żewġ rapporti. L-ewwel wieħed għamlu fit-2 t'Ottubru fis-7.30pm[16] għaliex fil-knisja parrokkjali kienu sfrundaw żewġ kaptelli tal-ġebel mill-qobra tal-pesta[17]. Il-każ malajr ġie solvut għax il-qobra ġew magħluqa fuq ordni tas-superjuri fil-preżenza tat-tabib tal-pulizija Dr Antonio Caruana Dingli. It-tieni rapport għamlu fit-28 ta' Diċembru[18] dwar ċertu Bernardo Saliba, it-tifel ta' Mikiel *Ta' Sika* li kellu ħmistax-il sena. Dakinhar Bernardo daħal fis-sagristija tal-knisja u qata' ħamest imsiemer tar-ramm aħmar mis-suġġetta[19]. Lauron irrabja sew u ried sodisfazzjon. Dan il-każ iqanqal ċertu interess għax jurina li s-suġġetta aktarx kienet għadha tintuża għall-Vjatku[20] lejn tmiem is-seklu 19 ġaladarba kienet tinsab fis-sagristija. Dan jidher ukoll mill-fatt li Lauron ħadha bis-serjetà l-biċċa li għamel dan iż-żagħżugħ għax kieku s-suġġetta kienet mitluqa, aktarx ma kienx jinkwieta talli naqsulha ħamest imsiemer! Mid-dehra l-karattru ta' dan il-Kappillan kien daqsxejn furjuż u kellu min imqabbad miegħu. Dan ninnutawh għax nhar is-27 ta' Settembru 1874[21] insibu rapport li xi ħadd mhux magħruf waddab ġebla lejn it-tieqa tad-dar tiegħu. Kważi sena wara, fil-15 t'Awwissu tal-1875[22], il-Kappillan Lauron reġa' mar l-għassa fis-6.00am biex jirraporta li fit-toroq ta' Ħal Tarxien, persuni mhux magħrufa qassmu jew waħħlu karti kontrih u kontra s-Surmast tal-iskola tar-raħal[23], is-Sur Antonio Cachia. Aktar tard fl-istess sena, eżattament fit-23 ta' Novembru, Lauron għamel rapport ieħor dwar serqa li saret mis-sagristija tal-knisja parrokkjali. Il-każ ġara billi xi ħadd mhux magħruf fetaħ wieħed mill-kaxxarezzi permezz ta' ċavetta falza u seraq dinar, ċurkett u par imsielet tad-deheb. Dan kien l-aħħar rapport li għamel dan il-kappillan għax xahar wara ħalla l-parroċċa tagħna biex inħatar Arċipriet tal-Furjana[24].

## Inċidenti u l-uġigħ ta' ras tal-festi

L-inċidenti wkoll huma parti mill-ħajja, xi drabi jkunu tort tagħna imma drabi oħra ma jkollniex kontroll fuqhom. Inċident li seta' kellu konsegwenzi koroh ħafna seħħ fil-Knisja Parrokkjali nhar is-16 ta' Marzu tal-1875[25]. Dakinhar għall-ħabta tat-8pm Dun Ġużepp Gatt[26] waqa' għoli ta' erbatax-il filata mill-kampnar tal-Knisja. Ma setax jonqos li bil-waqgħa ġarrab xi ġrieħi u kellu jiġi mmedikat mit-tabib Dr Paulo Bonello. Il-lok eżatt tal-inċident ma nsibuhx miktub, iżda minħabba l-għoli msemmi wieħed jista' jassumi li Dun Ġużepp waqa' minn fejn il-qniepen għal fuq il-bejt tal-knisja. Il-każ ittieħed bis-serjetà hekk li s-Sindku kellu jagħmel rapport dwaru u jgħaddih lis-Supretendent tal-pulizija. Inċedent ħafna inqas serju u ta' natura differenti seħħ fit-8 t'April 1877[27]. Dakinhar fit-8.00am kienu qed jiġu sparati l-murtaletti fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Annunzjata. Wieħed mill-murtaletti ħa bomba u divesri biċċiet minnu laqtu t-twieqi ta' ċertu Michele Mangion u Dr Bonello. Kif nafu l-ħsara mhi tajba għal ħadd



Is-Suġġetta tal-Parroċċa ta' Ħal Tarxien



b'hekk dawn marru jirrapurtaw il-każ lill-pulizija.

Fl-10 ta' Ġunju tal-1876[28] insibu rrapurtat li t-Tarxiniżi Gio Batta Gatt, Carlo Ciantar, Giovanni Refalo, Giuseppe Mifsud, Tommaso Cammisuli, Carmelo Sant, Vittorio Sciberras[29] u ż-Żejtuni Pietro Tabone nżammu l-għassa mill-11.00 sal-11.45pm għax qalgħu l-inkwiet u m'obdewx il-pulizija. Ir-rapport ma jagħtix aktar dettalji dwar il-każ, iżda rapport li deher fil-ġurnal The Malta News tal-21 ta' Ġunju tal-1876 jagħtina minjiera ta' informazzjoni dwar kif seħħ dan il-każ rari f'Ħal Tarxien fejn ħafna nies ġew arrestati f'daqqa. Ir-rapport, intitolat *A Great Abuse* jgħid li fl-10 ta' Ġunju kien lejliet il-festa tal-Madonna tad-Duttrina u f'Ħal Tarxien kien hawn mixegħla u logħob tan-nar grandjuż li għalih attendew mijiet ta' nies mill-irħula tal-viċin. Skont l-awtur dik il-lejla kienet mill-isbaħ iżda ġiet imtappna mill-imġiba tal-pulizija, speċjalment mill-Kapural[30] Felice Agius minn Ħal Tarxien u l-kuntistabbli Andrea Bonnici minn Ħal Qormi. Dawn il-pulizija jidher li ppruvaw juru kemm jafu billi approfittaw ruħhom min-nies kwieti ta' Ħal Tarxien minflok ħaduha ma dak li kien qed jiġri fi rħula bħaż-Żejtun, Ħal Għaxaq, In-Naxxar, Il-Mosta, Ħaż-Żebbuġ u Ħal Qormi. Id-dettallji jkomplu ħerġin dwar kif Giuseppe Mifsud u Ġiovanni Refalo ġew arrestati għalxejn u qalgħu xebgħa sakemm damu l-għassa. Mill-banda l-oħra Carlo Ciantar ġie mkaxkar lejn l-għassa għax ċertu Giovanni Spiteri mar iwaqqaf żewġ Ħal Luqin li kienu qed jgħajtu, u Ciantar qabad lil Spiteri minn qaddu u qallu biex iħallihom bi kwiethom. Waqt li l-pulizija kienu qed ikaxkru lil Ciantar lejn l-għassa, rahom Gio Batta Gatt, li kien jiġi minnu, u mar isaqsihom x'kien għamel ħażin qaribu. Fil-pront il-pulizija qabduh u ħaduh l-għassa wkoll. L-istess ġralu ċertu Francesco Penza li fir-rapport tal-pulizija ma jissemmiex iżda f'dak tal-gazzetta hemm li spiċċa arrestat sempliċiment għax saqsa x'kien qed jiġri. Skont l-awtur b'kollox kien hemm tmien pulizija li sawtu lil kull min arrestaw ħlief lil Penza li mal-ewwel xamm x'kien ġej għalih b'hekk ħarbilhom jiġri 'l fuq, daħal jistaħba taħt sodda u ma ħariġx qabel ġew illiberati mill-Ispettur Calleja. Dak li ġara kien gravi sew mhux ta' b'xejn l-awtur talab lill-awtoritajiet jieħdu passi dwar il-każ u jagħtu sodisfazzjon lit-Tarxiniżi għal dak li ġara. Dan ir-rapport huwa ta' importanza kbira għalina għax jixħet dawl fuq kif kienet tkun iċċelebrata l-festa tal-Madonna tad-Duttrina fl-ewwel snin tagħha u jagħtina prova ċara li fl-imgħoddi lejliet din il-festa kienu jsiru ċ-ċelebrazzjonijiet esterni. Konferma ta' dan insibuha f'żewġ noti oħra miktuba fil-kotba tal-okkorenzi. L-ewwel nota ġiet miktuba nhar is-Sibt id-9 ta' Ġunju 1877⊠ u tgħid li dakinhar inġiebu f'Ħal Tarxien il-pulizija Luiġi Fenech, A Attard u Andrea Bonnici biex iżommu l-ordni waqt il-*festivita* tal-Madonna tad-Duttrina. L-għada l-Ħadd 10 ta' Ġunju, l-istess tliet pulizija reġgħu inġiebu Ħal Tarxien biex iżommu l-ordni waqt il-*processione* tal-Madonna tad-Duttrina. Kif nafu l-vara tal-Madonna tad-Duttrina saret dik is-sena, għaldaqstant permezz ta' din in-nota sirna nafu eżatt id-data ta' meta ħarġet għall-ewwel darba bil-purċissjoni.

## Għeluq

Wara l-1877 kull każ baqa' jiġi rrapurtat lill-pulizija kuljum, kif għadu jsir sal-lum. Iżda, r-reġistri tal-okkorrenzi tal-ħames distrett li seħħew bejn is-16 ta' Diċembru tal-1877 u l-24 ta' Diċembru tal-1882 għadhom ma nstabux. Minkejja din l-isfortuna, xorta nistgħu nqisu ruħna ffortunati li r-reġistri bl-okkorrenzi ta' Ħal Tarxien jibdew minn ħafna qabel ta' xi rħula oħra. Dan kollu jgħinna biex nifthu tieqa akbar fuq l-imgħoddi ta' raħalna. Forsi minn din it-tieqa ma narawx l-isbaħ affarijiet għax l-ikrah u l-ħażin biss ġie rrapurtat. Madankollu, kull każ jagħtina veduta li jekk nifluha sew tikxef bosta dettalji interessanti li ma konniex nafuhom. Bħalma jgħidu; mill-ħażin tieħu li tista'. Din it-tieqa nagħlquha hawn sakemm nifthu oħra s-sena d-dieħla biex naraw oħrajn li għamlu storja tinkiteb!


Referenzi:

1 V. Battistino, 'Ħal Tarxien', Kappillani li mexxew il-Parroċċa, (1993) 416.
2 NAM, POL2, 1A, 30 ta' Mejju 1864 – 2 Mejju 1869.
3 ibid
4 Ara E. Attard, 'Il-pulizija ta' Malta 1814 -1956', (1994) 29 - "b'Ordinanza XI tal-1839 dawk li qabel kienu *Lord Lieutenants* saru sindki. Dawn is-sindki kienu jinħatru minn fost l-avukati u xogħolhom kien bħala kapijiet tad-distretti."
5 NAM, POL2, 1A, 30 ta' Mejju 1864 – 2 Mejju 1869.
6 ibid
7 ibid
8 Parroċċa Ħal Tarxien, Status Animarum 1865 -1866.
9 NAM, POL2, 1A, 30 ta' Mejju 1864 – 2 Mejju 1869.
10 ibid 20 t'Awwissu 1867.
11 ibid
12 ibid
13 NAM, POL2, 1A, 3 ta' Mejju 1869 – 2 ta' Mejju 1874.
14 ibid
15 ibid



16 Minn tagħrif li ksibt mingħand is-Sur Joe Farrugia, aktarx li f'dawn il-qobra kien hemm midfuna il-ftit vittmi Tarxiniżi tal-pesta tal-1813.
17 NAM, POL2, 1A, 3 ta' Mejju 1869 – 2 ta' Mejju 1874.
18 Il-kelma użata fir-rapport hija *suggenta*. Skont Prof J Brincat, il-konsonanti 'n' fil-grupp 'nt' minflok id-doppja 't', tista' tkun pronunzja popolari.
19 Ara Fondazzjoni Patrimonju Malti, 'The Sedan Chair in Malta – Is-Suġġetta', (1993) 25 - Fil-parroċċi s-suġġetta kienet tintuża għall-vjatku u f'parroċċi bħaż-Żejtun u Birkirkara baqgħet tintuża sas-snin tletin tas-seklu 20.
20 NAM, POL2, 1A, 5 ta' Mejju 1874 – 15 ta' Diċembru 1877.
21 ibid
22 F'dan ir-rapport, Antonio Cachia jissemma biss bħala *Masestro* iżda f'rapport dwar każ li seħħ fl-4 ta' Novembru tal-1873, l-istess Cachia jissemma bħala *Maestro della scuola primaria del Tarxen.*
23 V. Battistino, 'Ħal Tarxien', Kappillani li mexxew il-Parroċċa, (1993) 416.
24 NAM, POL2, 1A, 5 ta' Mejju 1874 – 15 ta' Diċembru 1877.
25 Parroċċa Ħal Tarxien, Status Animarum 1871-1880 - Dun Ġużepp Gatt kien joqgħod ma' ommu Giovanna armla ta' misseru Ġużeppi f'numru 47 Triq Xintill.
26 NAM, POL2, 1A, 5 ta' Mejju 1874 – 15 ta' Diċembru 1877.
27 ibid
28 F' *Libro degli ascritti* u f'*Album dei Congregati Defunti della Confraternita della B.V. della Dottrina nsibu li* Carlo Ciantar, Carmelo Sant u Vittorio Schiberras kienu membri fil-Fratellanza tal-Madonna tad-Duttrina.
29 Ara E. Attard, 'Il-pulizija ta' Malta 1814 -1956', (1994) 219 - "Il-grad ta' kapural iddaħħal fil-Korp tal-Pulizija fl-1887 u spiċċa fl-1890". Meta kkuntatjajt lil Attard qalli li dan il-grad jissemma l-ewwel darba fl-estimi tal-gvern tal-1887 iżda seta' kien jeżisti qabel u ma jissemmiex fl-estimi. .
30 NAM, POL2, 1A, 5 ta' Mejju 1874 – 15 ta' Diċembru 1877.


99493209

GRAMM services



Hire of Large and Mini skips
Shooters and Mini Excavators
Gramm Buildings
Triq il-Fieres, Tarxien
Tel: 2189 6955, 2765 4877
Fax: 2182 1972 - Mob: 9949 3209
E-Mail: grammalta@yahoo.com

2 BEDROOM APARTMENTS
starting from €75,000
3 BEDROOM APARTMENTS
starting from €100,000

TA' DERNIS PROPERTIES

WE ARE FLEXIBLE TO YOUR NEEDS



A | 128, Triq San Bartolomew, Qormi, QRM 2184 W | www.tadernis.com E | info@tadernis.com M | 9986 0983